**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR MICHELA SPITERI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 17 ta' Jannar 2020**

Kawza Numru: 20/2017MS

Francine Cini

vs

Omar Fava (K.I.

It-Tribunal

Ra l-avviz tal-attrici pprezentat fil-11 ta' April 2017 fejn talbet lil dan it-Tribunal li tikundanna lill-konvenut li jhallasha s-somma ta' mitejn u tletin Euro (€230.00) rapprezentanti danni kawzati wara incident awtomobilistiku li sehh nhar l-20 tal-Ottubru 2015 bejn il-vettura tal-attrici registrata bl-isem RAIYLE u dik tal-konvenut bin-numru HBD 734, liema incident sehh tort unikament tal-intimat.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentat fis-16 ta' Mejju 2017 fejn cahad it-talbiet attrici u jekk kien hemm xi hadd responsabbli ghal dan l-incident kienet l-attrici minhabba abbuz, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku.

Ra l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut tat-28 ta' Gunju 2019 fejn ecepixxa illi din l-istanza hija iritwali u nulla ghaliex ma gietx ipprezentata fiz-zmien permess mill-ligi.

Sema' x-xhieda bil-gurament u ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra.

Ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut, it-tletin gurnata imsemmija fl-artikolu 166A tal-Kap 12 tirreferi ghal kreditur li jkun irid igib titolu ezekuttiv minghajr ma jirikorri ghal proceduri quddiem xi Qorti jew Tribunal. Hemm kondizzjonijiet specifici kif dan it-titolu ezekuttiv jidhol fis-sehh, fosthom jekk ma jkunx hemm risposta minghand id-debitur fit-terminu preskritt mil-ligi. Dana ma jfissirx illi kreditur ma jistax jesegwixxi mod iehor biex jottjeni sentenza dwar dritt li jippretendi li ghandu. F'dan il-kaz, jidher illi l-konvenut kien oppona din it-talba tar-rikorrenti tramite l-artikolu 166A tal-Kap 12. Allura l-attrici ma kellhiex ghazla ohra hlief li tipprocedi b'din l-istanza. L-artikolu fuq imsemmi 166A ma jimponi l-ebda terminu biex wiehed jipprezenta kawza.

Ghalhekk it-Tribunal qed jichad l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut.

Ikkunsidra

Illi ghal dak li jirrigwarda l-mertu, irrizulta illi nhar l-20 ta' Ottubru 2015, l-attrici kienet qed issuq il-vettura taghha fit-Triq il-Marfa l-Mellieha. Kienet qed ssegwi serbut ta' karrozzi ohra li kienu gejjin minn Ghawdex ghal Malta. Hin minnhom il-karrozza ta' quddiemha waqqfet f'daqqa u l-attrici ghamlet l-istess. Kien dak il-hin illi l-konvenut Omar Fava baqa' diehel fuq in-naha ta' wara tal-vettura tal-attrici bit-trakk tax-xoghol bin-numru HBD 734. L-attrici tallega li dak il-hin il-konvenut kien fuq il-*mobile*.

Illi rrizulta li dak il-hin, il-partijiet ma mlewx il-formula *bumper to bumper*. L-attrici tghid illi l-konvenut kien mghaggel ghax kellu l-haddiema mieghu, pero' tghid illi ftehmu li jmorru ghand il-*panel beater* taghha sabiex isiru it-tiswijiet. Saret din il-laqgha fejn skond hi, l-konvenut ammetta t-tort u qal li ser ihallas ghat-tiswijiet. Saru t-tiswijiet izda l-konvenut ma ried ihallas xejn u ghalhekk l-attrici kienet kostretta tirikorri ghal dawn il-proceduri.

L-attrici esebiet kopja ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fejn sabet lill-konvenut Omar Fava hati talli b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila f'arti jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku habat ma' vettura registrata RAIYLE u involontarjament ikkaguna hsara ghad-dannu ta' Francine Cini.

Illi min-naha l-ohra, il-konvenut, filwaqt illi jikkonferma li fil-gurnata indikata hu kien qed isuq il-vettura imsemmija HBD 734 lejn Malta, ighid li l-incident gara meta karrozza bajda tat-tip Toyota Vitz misjuqa mir-rikorrenti qabzitu u dahlet ezatt quddiemu. Jammetti illi baqa' diehel naqra zghira go fiha u jghid ukoll li hi baqghet diehla go karrozza quddiemha. Pero' jghid illi ma kienx hemm hsarat fil-karrozzi.

*"Jien nammetti li bqajt diehel go fiha. Jien mhux qed nghidlek li ma hbatx go fiha. Hi kienet warajja, qabzitni, u dhalt go fiha.* - Xhieda in kontro-ezami ta' Omar Fava - 11 ta' Ottubru 2019

In sostenn tieghu, l-konvenut gab certu John Azzopardi, illi dak il-hin kien fl-istess serbut ta' karrozzi u nzerta li kien qed issuq il-karrozza quddiem dik tal-attrici. Il-karrozza ta' quddiemha zammet il-*brake* u hu ghamel l-istess u waqaf u dak il-hin sema' habta u nizel biex jara jekk habtux go fih. Ighid illi sema l-mara li kienet qed issuq il-karrozza ta' warajh tghid *'Ma ghandi xejn, ma ghandi xejn'*. Meta ra illi ma kellux hsara, baqa' sejjer. Pero' ighid illi ma gharafx l-attrici bhala l-istess persuna li kienet qieghdha ssuq dak in-nhar ghad li kien jaf il-konvenut. Mistoqsi jekk rax l-attrici taghmel xi manuvra (ta' sorpass) ighid illi le.

Ikkunsidra.

Fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali, it-Tribunal jidhirlu illi ghal dan l-incident ghandu jahti esklussivament u unikament il-konvenut. Ma rrizultax illi l-attrici ghamlet xi manuvra ta' sorpass u hu sodisfatt illi l-attrici kienet quddiem il-konvenut u li kien dan tal-ahhar illi ma zammx '*a proper look out*'. Bhala l-karrozza fuq wara kien obbligat li jzomm distanza regolamentari mal-vettura ta' quddiemu biex jassigura li f'kaz ta' emergenza ikun jista' jieqaf minghajr periklu ghalih u ghal vettura ta' quddiemu. Dana m'ghamlux u ghalhekk gara dan l-incident. Ma hemm l-ebda dubju li l-karrozza tal-konvenut baqghet diehla gol-karrozza tal-attrici u ma kienetx l-attrici illi rriversjat ghal fuq il-konvenut, kif ammetta huwa stess.

Rigward il-hsarat subiti fil-vettura, it-Tribunal ihoss li l-versjoni moghtija mill-attrici hija aktar verosimili. Anke l-fatt li Joseph Azzopardi, li xehed f'dawn il-proceduri u li ma kienx involut direttament, hass il-bzonn illi jinzel mill-vettura tieghu biex jara jekk kienux habtu go fih, jinduci t-Tribunal biex jikkonkludi illi l-habta ma kenitx xi haga innokwa. It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-vettura tal-attrici sofriet xi hsarat ghax kieku ma kienux jiftiehmu biex imorru ghand it-tellar biex isiru t-tiswijiet. Ghalkemm il-konvenut ma jaghmilx referenza diretta ghal din il-laqgha, ma jinnegax illi sar xi diskors mat-tellar fuq il-hsarat subiti fil-karrozza tal-attrici. Jikkoncedi illi t-tellar (Smallboy) kellmu u qallu li l-attrici ghandha hsara ta' mitejn u hamsin Euro. Ighid ukoll illi l-attrici kienet talbitu mitejn u tletin Euro preciz wara l-incident, u li hu kien ha parir minghand l-assikurazzjoni tieghu ghaliex kien lest li jaghmel talba, pero' donnu

rega' bdielu meta argumenta (fuq parir) li minghajr *warden* ma kienx hemm provi ta' xejn. Fil-fatt donnu qed jipprova jissugerixxi li l-attrici setghet marret x'imkien iehor, irriversjat u baqghet diehla go karrozza ohra. Dan kien hsieb li l-konvenut immatura wara li mar ikellem lill-assikurazzjoni. It-Tribunal jidhirlu li dan il-hsieb huwa ferm inverosimili.

Rigward l-allegazzjoni ta' Azzopardi illi l-attrici qalet il-kliem *'m'ghandi xejn, m'ghandi xejn',* apparti l-fatt illi Azzopardi kien mghaggel u ma setax jabbina dan id-diskors ma xi hadd partikolari, dan ma jfissirx illi kienet qed tirreferi ghal fatt illi l-attrici ma kellhiex hsarat fil-karrozza. Setghet kienet qed tirreferi, per ezempju, ghal fatt li ma gralha xejn u li ma kellhiex griehi fuq il-persuna taghha. F'sitwazzjonijiet bhal dawn, fejn kollox jigri malajr u fejn dak li jkun ikun mghaggel, difficli tifhem x'ikun ghaddej f'mohh dak li jkun. Difatti Azzopardi ighid li ma gharafx l-attrici u telaq minn fuq il-post tal-incident mal-ewwel. Zgur allura, li ma jistax jixhed fuq diskors li sar bejn l-attrici u l-konvenut.

Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li l-versjoni moghtija mill-attrici hija aktar verosimili u tinkwadra fid-dinamika tal-incident. Min-naha l-ohra x-xiehda tal-konvenut hija inverosimili u zgur li m'ghandhiex mis-sewwa. Ma hemmx dubju illi kien hemm element ta' traskuragni fis-sewqan tal-konvenut meta ma rax dak li kien '*in plain view*' u ma hax mizuri tempestivi biex jevita li jikkawza hsarat lil terzi.

Ghalhekk ghandu jinstab unikament responsabbli ghal dan l-incident.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjra lill-konvenut unikament responsabbli ghal incident awtomobilistiku li gara fl-20 ta' Otturbu 2015, fi Triq il-Marfa, il-Mellieha bejn il-vettura registrat RAIYLE misjuqa mill-attrici u l-vettura HBD 734 misjuqa mill-konvenut. Tillikwida d-danni ssofferti mill-attrici fl-ammont ta' mitejn u tletin Euro u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas dan l-ammont lill-attrici. Bl-ispejjes kontra tieghu.

Dr Michela Spiteri LL.D.
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*